

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1446****tat-3 ta' Settembru 2021****li jikkoreġi r-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 u (UE) Nru 563/2014 rigward in-numru CAS tas-sustanza attiva idroklorur tal-kitosan****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 23(5) flimkien mal-Artikolu 13(2) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 <sup>(2)</sup> approva s-sustanza attiva idroklorur tal-kitosan u daħħalha fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 <sup>(3)</sup>.
- (2) Wara li daħal fis-seħħ ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014, ġie nnutat żball li jikkonċerna n-numru CAS (Chemical Abstracts Number of the American Chemical Society) użat għas-sustanza attiva idroklorur tal-kitosan fl-Annessi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014.
- (3) In-numru CAS huwa identifikatur uniku tas-sustanzi kimiċi li jintuża wkoll għall-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi li jintużaw għall-protezzjoni tal-pjanti; jintuża bħala referenza għas-sustanzi kimiċi b'mod ġenerali għall-iskop tal-attivitajiet kummerċjali u regolatorji u mhuwiex limitat biss għas-sustanzi li hemm preżenti fil-pestiċidi.
- (4) Il-kolonna dwar l-isem komuni u n-numri ta' identifikazzjoni ssemmi "Idroklorur tal-kitosan Nru CAS: 9012-76-4". Madankollu, in-numru CAS 9012-76-4 huwa assenjat lis-sustanza kitosan, filwaqt li l-idroklorur tal-kitosan għandu n-numru CAS 70694-72-3. Għalhekk, peress li tista' tinħoloq konfużjoni dwar l-identità tas-sustanza fil-ġestjoni u l-kummerċ tas-sustanzi kimiċi, tinħtieġ korrezzjoni tan-numru CAS imsemmi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014 u b'hekk, anki fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011.
- (5) Għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li jiġu sostitwiti l-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014 u l-entrata rilevanti fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011.
- (6) Fl-interess taċ-ċarezza u taċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet tal-infurzar, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 tat-23 ta' Mejju 2014 li japprova s-sustanza bażika idroklorur tal-kitosan, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 156, 24.5.2014, p. 5).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqşam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014**

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014 huwa kkoreġut skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa kkoreġut skont l-Anness II għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

***Id-dħul fis-seħħ***

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Settembru 2021.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

L-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 563/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

| "Isem Komuni, Numri tal-Identifikazzjoni      | Isem tal-IUPAC | Purità <sup>(1)</sup>  | Data tal-approvazzjoni | Dispożizzjonijiet speċifiċi  |
|---|----------------|--|------------------------|--|
| Idroklorur tal-kitosan<br>Nru CAS: 70694-72-3 | Ma japplikax   | Farmakopea Ewropea<br>Kontenut massimu ta' metalli<br>tqal: 40 ppm | fl-1 ta' Lulju 2014    | L-idroklorur tal-kitosan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup> u mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 <sup>(3)</sup> .<br><br>L-idroklorur tal-kitosan jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar l-idroklorur tal-kitosan (SANCO/12388/2013) u b'mod partikolari fl-Appendiċċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-20 ta' Marzu 2014. |

<sup>(1)</sup> Fir-rapport ta' rieżami jinsabu aktar dettalji dwar l-identità, l-ispeċifikazzjoni u l-modalitajiet tal-użu tas-sustanza bażika.

<sup>(2)</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1."

## ANNEX II

Fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, l-entrata 2 dwar l-idroklorur tal-kitosan hija sostitwita b'dan li ġej:

| Nru | Isem Komuni, Numri tal-Identifikazzjoni       | Isem tal-IUPAC | Purità <sup>(1)</sup>  | Data tal-approvazzjoni | Dispozzjonijiet speċifiċi   |
|-----|---|----------------|--|------------------------|---|
| "2  | Idroklorur tal-kitosan<br>Nru CAS: 70694-72-3 | Ma japplikax   | Farmakopea Ewropea<br>Kontenut massimu ta' metalli<br>tqal: 40 ppm | fl-1 ta' Lulju 2014    | L-idroklorur tal-kitosan għandu jikkonforma mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 u mar-Regolament (UE) Nru 142/2011.<br>L-idroklorur tal-kitosan jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi li jinsabu fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar l-idroklorur tal-kitosan (SANCO/12388/2013) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif ġew iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Animali fl-20 ta' Marzu 2014. |

<sup>(1)</sup> Fir-rapport ta' rieżami jinsabu aktar dettalji dwar l-identità, l-ispeċifikazzjoni u l-modalitajiet tal-użu tas-sustanza bażika."